MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 931/2005/1

**Joseph Falzon**

**vs**

**Kunsill Lokali Iklin**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Mejju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ disghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm90.62c) rapprezentanti danni fir-rota tal-karozza sofferti mill-istess attur b’konsegwenza ta’ hofor kbar u fondi li hemm fit-triq.

Ra r-risposta fejn l-kunsill qal li mhux responsabbli ta’ l-istess danni sofferti mill-attur stante li dan huwa rizultat ta’

“Act of God” minhabba ix-xita li kienet ghamlet dakinhar u ghalhekk ma’ kienx hemm bizzejed zmien sabiex il-Kunsill jirranga dawn il-hofor.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur li huwa l-propretarju tal-vettura HAW449 fejn jghid illi fis-16 ta’ Frar 2005 it-tifla tieghu Stephanie Falzon waqt li kienet issuq l-istess vettura dahlet f’hofra fi Triq il-Wied u kkagunat hsara f’wahda mir-roti. Jikkonferma li bhala hsara kellhu t-tyre mifqugh, ir-rim tat-tyre kellhu jinbidel kif ukoll il-wish bone.

Ra x-xhieda ta’ Stephanie Falzon fejn ikkonfermat li qal l-attur.Tispjega li t-triq wiesgha biex jghaddu zewg karozzi sejrin direzzjonijiet opposti izda quddiemha kien hemm vettura ohra u ghalhekk ma setatx tevita il-hofor.

Falzon tghid li qabel ma’ gara l-incident ma’ kienx hemm dik il-hofra li kellha l-incident fuqha. Ma’ tiftakarx il-velocita li kienet qed issuq dakinhar ta’ l-incident.

Ra x-xhieda ta’ Alfred Naudi li huwa s-Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta’ l-Iklin fejn jikkonferma li Triq il-Wied taqa’ taht il-kompetenza ta’ l-istess Kunsill.

Jghid illi fil-11 ta’ Frar 2005 kien ta struzzjonijiet lil Bitmac Works Limited sabiex jaghmlu xoghol ta’ patching fit-triq in kwistjoni. Jikkonferma li fil-gimgha li ta l-ordni sabiex isir ix-xoghol kienet ghamlet hafna xita u ghalhekk il-kuntrattur ma’ setax jibda x-xoghol. Jikkonferma li l-kuntrattur kien qed imur kuljum fuq il-post.

Jikkonferma wkoll illi l-hofor fit-Triq il-Wied kienu ilhom hemm mill-bidu ta’ Frar u minhabba li ghamlet hafna xita, l-istess triq kompliet tiggrava.

Naudi jghid illi meta tkun ix-xita dawn il-hofor ma jidhrux. Gimgha wara li waqfet ix-xita jghid il sar ix-xoghol necessarju f’din it-triq. It-triq in kwistjoni jghid li tesa’ mill-inqas erba’ karozzi hdejn xulxin.

Jikkonferma li apparti l-ilmenti ta' l-attur, ma' kellhomx ilmenti ohra.

Ra x-xhieda ta' Saviour Porter li huwa ic-Chief Meteorological Officer Malta International Airport fejn jikkonferma li bejn l-ghaxra ta' filghodu tas-16 ta' Frar u l-ghaxra ta' filghodu tas-17 ta' Frar gew imkejla tlett millimetri punt sitta xita.

Ikkunsidra li jirrizulta li l-kunsill kien risponsabbli ghat-triq in kwistjoni. Jirrizulta ukoll li l-Kunsill kien jaf li t-triq hi f'stat hazin tant li fil-11 ta' Frar inghata l-ordni sabiex issir xoghol ta' "patching". Illi skond il-kunsill, minhabba l-maltemp sal gurnata tal-incident ma sar xejn. Illi skond Dokument SP kien hemm ammont ta' xita u "hail" bejn il-11 ta' Frar u s-16 ta' Frar izda mhux kuljum. Per ezempju fit-13 ta' Frar ma kienx hemm xita.

Illi hemm l-obbligu ta' kull sewwieq li tara x'hemm "in plain view". Meta t-triq ikun imxarba u jekk hemm karozza ezatt quddiemek huwa difficili li tara pothole. Illi kien id-dover tal-Kunsill li jara li t-triq tigi mizmuma fi stat tajjeb u dan it-Tribunal ma jaccettax l-argument li tat l-ordni li ssir "patching" liema ordni ma setghatx tigi ezegwita minhabba l-maltemp. Il-Kunsill kellu jassikura li ma jizviluppawx potholes ta' dak id-daqs.

Id-danni jidhru ragjonevoli u ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant jichad r-risposta tal-Kunsill u jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill-Kunsill sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' disghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm90.62c) bl-imghax mis-17 ta' Mejju 2005."

Il-Kunsill konvenut appella minn din is-sentenza u talab li din tigi revokata. L-aggravju principali tieghu hu bazat fuq l-eccezzjoni minnu sollevata quddiem it-Tribunal fis-sens illi, trattasi minn sitwazzjoni ta' forza magguri ("*Act of God*"), huwa ma kellux jinstab fi htija ghad-danni pretizi mill-attur. Barra minn dan l-istess Kunsill jissottometti illi

bint l-attur, li kienet qed issuq il-vettura li sofriet il-hsara, messha zammet "*a proper look out*;

Fil-konfront ta' dan l-appell l-attur jissolleva in linea preliminari l-inammissibilita` tieghu ghall-motiv li, kif impustat, dan ma kienx jaqa' f' xi wiehed mill-ipotesijiet dettati mill-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995;

Ghal dawk li huma l-fatti tal-kawza rrizulta mix-xhieda ta' Stephanie Falzon (fol. 39) bint l-attur, illi waqt li kienet ghaddejja minn Triq il-Wied fl-Iklin kien hemm hofra fin-nofs taghha u b' konsegwenza l-vettura, proprjeta` ta' missierha, garrbet hsarat fit-*tyre* u r-*rim* taggha. Jirrizulta illi fil-perijodu ta' dan l-incident nizlet hafna xita u, b' rizultat ta' dan, il-hofor li kien hemm fit-triq komplew jaggravaw. Ara deposizzjoni a fol. 42 ta' Alfred Naudi Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill appellant;

L-allegazzjoni tal-Kunsill appellant hi li fil-kaz in ezami si tratta ta' sitwazzjoni ta' forza magguri u allura hu ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-fatti dedotti fl-avviz u emergenti mill-provi;

Kif traccjat fil-Kodici Civili taghna huma bosta l-provvedimenti tieghu mahsuba ghall-iskagonar mir-responsabilita` minhabba "accident" jew "forza magguri". B' illustrazzjoni, issir referenza ghall-Artikolu 1029, applikabbli b' mod generali ghad-delitti u kwazi delitti, l-Artikolu 1134 ghall-kaz ta' inadempjenza ta' l-obbligazzjoni kontrattwalment assunta, u l-Artikolu 1630 fil-kaz tar-responsabilita` tal-vetturali bl-art jew bil-bahar, fost ohrajn. Komuni ghal dawn id-disposizzjonijiet hi l-presunzjoni ta' htija, u li ghat-twaqqigh ta' tali presunzjoni, id-danneggjant jehtieglu jipprova l-konkors ta' zewg cirkustanzi: (i) l-"accident" jew il-"forza magguri" bhala kawza tal-hsara, u (ii) in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsara. (Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 971** u **Vol. XLII P II p 750**);

Mill-qari, imbaghad, ta’ diversi decizjonijiet fuq il-materja jidher li huma sew delinejati dawn iz-zewg orjentamenti ermenewtici ta’ dawn l-istess disposizzjonijiet, jigifieri:-

(a) li l-adempiment, u l-imgieba, jew in-nuqqas u trasgressjoni taghhom, ma jarrekawx dannu lil beni jew lill-persuni;

(b) li ghall-evitar tar-responsabilita` jrid jigi demostrat illi l-accident jew il-forza magguri ma jridux ikunu preceduti minn vjolazzjoni ta’ dover jew ommissjoni volontarja ta’ diligenza. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 172** u **Vol. XXX P III p 142**. Dan qed jigi rilevat ghaliex kif sewwa ritenut fis-sentenza a **Vol. XVIII P II p 164**, “*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell’ uomo*”;

Stabbilit mill-provi, anke fuq l-ammissjoni tal-Kunsill appellanti, illi t-triq fejn sehh l-incident kienet taqa’ fir-responsabilita` tieghu, bla dubju dan il-Kunsill kien soggett ghall-istess obbligi tad-depozitarju ghal dak li hija kustodja u konservazzjoni tal-haga fdata lilu. Li jfisser illi, la t-triq kienet fid-disponibilita` tieghu, u allura soggetta ghal vigilanza tieghu, kien impellenti fuq il-Kunsill li hu jzomm kontroll kontinwu u effikaci biex jimpedixxi l-holqien ta’ kawzi ta’ perikolu ghal terzi. Jikkonsegwi illi hu ghandu b’ dover l-obbligu li jmantni t-triq fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni f’ kull rispett u jiskansa lill-utenti mill-insidji li jistghu jezistu jew jizviluppaw fit-triq;

Skond il-principji tad-dritt affermati fil-precitati sentenzi ma huwiex bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma hu mehtieg li dan ikun inevitabbli b’ mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias*. Ara’ **Kollez. Vol. XXXVII P II p 637**;

Fil-fehma tal-Qorti u b' applikazzjoni tal-precitati konsiderazzjonijiet u principji, f' dan il-kaz ir-rizultanzi processwali jikkontradicu d-difiza adottata mill-Kunsill appellant u anzi ssib li dan ma rnexxielux jikkontrabatti jew jeghleb il-presunzjoni legali dwar liema saret espressa riferenza aktar 'il fuq. Dan ghar-raguni illi l-hsara li ssubiet il-vettura ta' l-attur kienet hekk prevedibbli u mhux inevitabbli. Huwa intwittiv illi gjaladarba l-Kunsill kien jaf bl-ezistenza tal-hofor f' din it-triq arterjali u li bix-xita dawn setghu jaggravaw, kien messu, anke kieku stess ma kienx possibbli li jirriparahom f' dawk il-granet ta' maltemp illi almenu permezz ta' senjalazzjonijiet adegwati jaghti preavviz lill-konducenti dwar il-perikolu, jew il-minaccja ta' perikolu, kawza tal-hofor f' dik it-triq. Certament, fil-hsieb tal-Qorti, il-Kunsill ma jistax jitraji argument ghas-sostenn tad-difiza tieghu mill-fatt illi f' dawk il-jiem il-*patching* kien impossibbli. Jekk din kienet il-qaghda prezentata quddiemu hu kien messu adotta mizuri prekawzjonali ohra biex jiskongura l-perikolu u mhux jibqa' ghal kollox inattiv. Sewwa gie kummentat illi f' kazijiet bhal dawn il-*vis major* ma jiskagunax lil min jinvokah ghaliex il-*culpa praecessit casum*. Ara **Kollez. Vol. XXXIV P III p 758**. F' dan il-kwadru hu pjuttost ardit da parti tal-Kunsill appellanti illi l-htija ghandha tigi akkollata lil bint l-attur ghax, skond hu, din ma zammetx *a proper look out*;

Jekk fil-meritu l-appell interpost jinsab arenat fuq l-iskoll ta' l-apprezzament tal-provi u tal-principji tad-dritt applikabbli ghal kaz, maggorment jikkontraji l-istess destinazzjoni meta rigwardat fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380. Dan ghas-semplici raguni illi minn imkien ma jirrizulta minn xi gravam jew minn evalwazzjoni tar-rizultanzi istruttorji illi ghal kaz, trattasi ta' somma inferjuri ghal hames mitt lira, japplikaw xi wiehed mill-ipotesijiet elenkati fl-isemmi provvediment tal-ligi. Dan anke jekk jigu eliminati s-sub-paragrafi (a), (b) u (c) tieghu. Zgur imbaghad illi l-Kunsill appellant ma jistax jippretendi li d-decizjoni tkun inficjata b' xi allegat ksur tad-dritt ekwitativ in kwantu, u apparti li hu nnifsu ma ressaq ebda ilment f' dan is-sens, dik id-decizjoni kienet

unikament bazata fuq konsiderazzjonijiet fattwali u xejn aktar. Similment jista' jinghad ghall-kontenut ta' l-aggravju tieghu. Minn din l-ottika l-pregudizzjali mqanqla mill-attur hi wahda gustifikata.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-Kunsill konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------